MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Talba Numru. 540/2008

L-Avukat Dottor Paul Cachia (Id. 99480M).

Vs

Charles Grech.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' Ewro 69.00 (ekwivalenti ghal Lm29.62 Liri Maltin) rapprezentanti spejjes u danni inkorsi mill-istess attur stante illi l-konvenut naqas li jezegwixxi kuntratt ta' appalt konkluz fit-8 ta' Jannar 2008 ghal xoghol ta' irham konsistenti *f'marble table top verde Guatemala* skond l-*ispecifications* lilu moghtija u bi ksur ta' l-obbligi kuntrattwali tieghu, u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet inkluz b'ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 2008. Bl-imghax legali u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra

ufficjali tal-4 ta' Gunju 2008, ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Mejju 2008 u ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' April 2008 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress li l-materjal li ssuplixxa l-esponenti huwa wiehed tajjeb u skond l-arti u s-sengha u tal-kwalita' pattwita u in oltre l-kejl kien dak kif mitlub mill-attur. Bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda tal-attur Dr. Paul Cachia.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Charles Grech.

Sema' x-xhieda ta' Carmen Grech prodotta mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-attur kien ordna bicca irhama minghand il-konvenut sabiex din titqieghed bhala '*table top'* fuq mejda antika li huwa kien akkwista. Peress illi l-mejda kellha disinn fuq quddiem, l-attur kien qabad bicca kartoncina u pinga l-'*outline*' tal-mejda bl-ezatt u ha din il-kartoncina mieghu fil-hanut tal-konvenut sabiex dan ta' l-ahhar seta' jaqta l-irhama skond dan id-disinn. Peress illi l-attur kien qata l-kartoncina ezatt ma' l-*outline* tal-wicc tal-mejda, kien gie suggerit lilu mis-*salesgirl*, illi meta tinqata l-irhama jizdied ftit mal-wisa sabiex din ma tigix ezatt mat-tarf tal-mejda. Fil-fatt skond l-attur gie miftiehem illi kellu jizdied 0.75 ta' centimetru mad-disinn tal-kartoncina li huwa kien pinga. Dan gie anki indikat fuq l-istess kartoncina li giet esebita fl-atti mill-attur, u fejn hemm imnizzel il-kliem '*0.75cm additional*' mat-tarf tal-kartoncina.

Wara li l-konvenut qatalu l-irhama, l-attur kien hallas ghaliha u hadha d-dar mieghu, izda hemmhekk irrizultalu li din kienet ferm aktar wiesa mill-wicc tal-mejda u mill-0.75cm li kienu gew indikati fuq il-kartoncina. Fil-fatt irrizulta li l-irhama kienet 7.5 centimetri izjed wiesa mill-wicc tal-mejda, minnflok 0.75 centimetri. Ghalhekk l-attur ilmenta dwar dan mal-konvenut u insista li l-konvenut stess kellu jigi jigbor l-irhama u jirranga l-izball tieghu. Peress illi dan qatt ma sar mill-konvenut, l-attur kellu jiehu l-irhama ghand persuna ohra li irrangahielu u b'kollox iccargjah l-ammont ta' €69.00.

Ghalhekk permezz tal-kawza odjerna, l-attur qieghed ifittex il-konvenut ghad-danni inkorsi minnu fl-ammont ta' €69.00 sabiex ikkorega l-allegat zball li ghamel il-konvenut meta qata l-irhama mhux skond il-qisien li kien tah l-attur.

Illi minn-naha tieghu il-konvenut ghamel enfasi fuq il-fatt illi l-attur ilmenta dwar il-kwalita' tal-irhama u anki dwar xi barxa zghira li kellha. Dan gie wkoll konfermat minn mart il-konvenut li xehedet f'din il-kawza. Fil-fatt pero, l-attur alavolja semma dawn l-affarijiet fix-xhieda tieghu, ghamilha cara li ma kienx qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq dawn l-ilmenti, izda biss fuq il-fatt li huwa ried li l-konvenut jigi jigbor l-irhama minghandu biex jerga jaqtahha skond il-qisien kif suppost. Ghalhekk it-Tribunal assolutament m'ghandux ghalfejn jidhol fil-kwistjoni tal-kwalita' tal-irhama stante li ma hemm l-ebda talba f'dan is-sens.

Mbaghad, id-difiza tal-konvenut fir-rigward tal-ilment illi l-irhama ma kenitx inqatghet skond il-qisien hija li hu dejjem jahdem bil-metri u ghalhekk il-qisien indikat fuq il-kartoncina ghalih kienu jfissru 0.75 ta' metru, (u cioe 7.75 centimetri), u mhux 0.75 ta' centimetru. Ghalhekk skond hu, l-irhama inqatghet kif suppost.

Dan ir-ragunament pero bl-ebda mod ma jreggi ghaliex fl-ewwel lok, fuq il-kartoncina hemm indikat bic-car il-kliem **0.75cm**, u dan bl-ebda mod ma seta' jigi interpretat bhala 0.75 ta' metru. Li kieku kien hemm imnizzel biss 0.75 u

xejn izjed, wiehed forsi kien jaccetta illi l-konvenut interpreta dan f'metri, izda l-kliem 'cm' ifisser bic-car illi kienu qedin jigu indikati centimetri u mhux metri. Oltre dan, il-konvenut stess ammetta fix-xhieda tieghu s-segwenti:- '*Mistoqsi jekk naqbel illi fuq il-karta u cioe t-template kien hemm imnizzel 0.75 centimetres, jiena nghid li naqbel.*' Dan ikompli jikkonferma l-fatt li l-konvenut ma kellu l-ebda raguni ghalfejn jikkalkula bil-metri.

Ta' min isemmi wkoll illi fix-xhieda taghha, mart il-konvenut, li kienet hadet l-ordni tal-attur, qalet testwalment hekk:- '*Jiena nkun wissejt lill-attur illi ghandu jzid ftit mat-template ghax inkella l-maduma tigi kera ezatt mal-mejda, pero' mbaghad il-measurements ikun tahomli hu. Meta jiena naghti dan il-parir lil klijenti, nkun dejjem qed naghtihom parir illi jzidu minn 1 sa 1.5 centimetres.'* Dan wkoll jikkonferma li kellu jkun ovvju ghall-konvenut li ma kellux izid 7.5 centimetri mal-kartoncina izda biss 0.75 centimetri ghaliex dik kienet il-prassi fix-xoghol tieghu.

Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, huwa car ghat-Tribunal illi l-izball kien kollu kemm hu tal-konvenut, fis-sens illi ma qatax l-irhama skond l-istruzzjonijiet li kien tah l-attur. B'hekk it-Tribunal jidhirlu li tali zball kellu jigi rrangat mill-konvenut a spejjes tieghu. Alavolja l-prezz li kien hallas l-attur ma kienx jinkludi trasport ta' l-irhama minghand l-attur ghall-hanut tal-konvenut, dan ma jaghmel l-ebda differenza fil-kaz in kwistjoni ghaliex gjaladarba l-konvenut issupplixxa xoghol hazin, kellu bilfors jaghmel l-arrangamenti kollha mehtiega biex jirranga l-izball tieghu, anki jekk dawn kienu jinkludu li jmur jigbor l-irhama minghand l-attur.

It-Tribunal josserva illi l-partijiet setghu facilment irrangaw bejniethom li kieku riedu, izda minnflok donnhom dahhlu f'pika - forsi anki minhabba xi kliem zejjed li intqal mill-attur u li seta jigi facilment evitat. Madankollu dan xorta wahda ma jezonerax il-konvenut mill-obbligu tieghu li jikkonsenja l-oggett mibjugh skond kif miftiehem. Ghalhekk jekk l-attur fl-ahhar mill-ahhar kellu bilfors

iqabbad terza persuna biex jirranga xoghol il-konvenut, dan ta’ l-ahhar irid jaghmel tajjeb ghal tali spiza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ disa u sittin Ewro (€69.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------